**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 301**
**It-Tlieta, 21 ta' Jannar, 2025 fl-4:00 p.m.**

**AWTORITÀ DWAR L-UŻU RESPONSABBLI TAL-KANNABIS**

**22404. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm-il kampanja ta' edukazzjoni u għarfien saret mill-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis (ARUC) matul is-snin 2023 u 2024?

25/10/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab nfurmat li l-Awtorità għall-Użu Responsabbli tal-Kannabis (ARUC) għaddejja b'kampanja kontinwa ta' għarfien u edukazzjoni, mhux biss mal-membri tal-assoċjazzjonijiet liċenzjati mill-ARUC iżda wkoll mal-pubbliku ġenerali.

Barra minn hekk, ġew organizzati żewġ kampanji ta' prevenzjoni li kienu ffinanzjati mill-ARUC fis-snin imsemmija. Dawn il-kampanji kienu immirati mhux biss lejn membri tal-assoċjazzjonijiet iżda wkoll lejn il-pubbliku.

F'dan il-perjodu, sar ukoll taħriġ lill-amministraturi tal-assoċjazzjonijiet bħala parti mill-kampanja kontinwa ta' edukazzjoni dwar l-għanijiet tal-liġi dwar l-użu responsabbli tal-kannabis. L-assoċjazzjonijiet huma obbligati li jipprovdu tagħrif li jiġi stampat fuq il-konteituri tal-kannabis, bil-għan li titqajjem kuxjenza dwar l-użu responsabbli tal-kannabis fost il-membri. Dawn l-isforzi jkomplu jgħinu biex titqajjem kuxjenza u jitwasslu messaġġi ta' edukazzjoni għal firxa wiesgħa ta' individwi, mhux biss dawk affiljati mal-assoċjazzjonijiet liċenzjati.

Seduta 301
21/01/2025

**AWTORITÀ DWAR L-UŻU RESPONSABBLI TAL-KANNABIS - NEFQA FUQ KAMPANJI EDUKATTIVI**

**22405. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm intefqu flus fuq kampanji ta' edukazzjoni u għarfien mill-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis (ARUC) matul l-2023 u l-2024?

25/10/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab nfurmat illi l-Awtoritá għall-Użu Responsabbli tal-Kannabis nefqet €748,688.23 fuq kampanji edukattivi matul is-snin 2023 u 2024.

Seduta 301
21/01/2025

**AWTORITÀ DWAR L-UŻU RESPONSABBLI TAL-KANNABIS**

**22406. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid x'miżuri jew kampanji saru mill-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis (ARUC) matul l-2023 u l-2024:

i. kontra t-teħid tal-Kannabis u/jew id-droga;
ii. kontra t-traffikar tad-droga?

25/10/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab nfurmat li l-Awtorità għall-Użu Responsabbli tal-Kannabis talloka l-maġġoranza tan-nefqa tagħha għal kampanji ta' prevenzjoni kontra t-teħid tad-droga u l-ksib tal-kannabis minn sorsi illegali, jiġifieri t-traffikar.

F'dawn l-aħħar tliet snin, l-Awtorità nvestiet aktar minn miljun ewro biex setgħu jiġu implimentati programmi bħal T.F.A.L., Teen Outside the Box, S.A.F.E., u programm ġdid intiż għal żgħażagħ li jinqabdu bid-doping.

L-Awtorità twettaq ukoll kampanji biex tispjega r-riskji u l-perikli assoċjati mal-ksib tal-kannabis minn sorsi illegali, jiġifieri permezz ta' traffikar. Dawn jinkludu; Kampanji fuq il-midja soċjali, preżenza permezz ta' stands f'attivitajiet immirati għaż-żgħażagħ, parteċipazzjoni f'programmi fuq ix-xandir u messaġġi ta' informazzjoni f'postijiet frekwentati ta' spiss, bħalma huma xelters fejn il-pubbliku jistenna l-karozza tal-linja.
Barra minn hekk, l-Awtorità responsabbli tobbliga lill-Cannabis Harm Reduction Associations biex iwettqu kampanji ta' edukazzjoni mmirati lejn il-membri tagħhom.

Seduta 301
21/01/2025

**VULNERABLE ADULT PROTECTION ACT**

**22407. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid x'sar mil-liġi proposta dwar Vulnerable Adult Protection'?

25/10/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi l-mistoqsija parlamentari tagħha lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 301
21/01/2025

**BRIDGE HOLIDAYS**

**22408. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'qed isir biex il-Bridge Holidays (il-gap li jkun hemm bejn is-sena skolastika u Skolasajf) jiġu indirizzati sabiex il-ġenituri jkollhom fejn iħallu lit-tfal waqt li jkunu qed jaħdmu?

25/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta lil-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi toffri s-servizz tal-Klabb 3-16 b'ħinijiet estiżi mis-7:00 ta' filgħodu sal-5.30 ta' filgħaxija f'37 ċentru madwar Malta u Għawdex. L-applikazzjonijiet sabiex il-ġenituri juru x-xewqa tagħhom għal dan is-servizz estiż jiftħu għal ħabta ta' nofs ix-xahar ta' Mejju sal-aħħar tal-istess xahar sabiex il-ġenituri jilħqu japplikaw għas-servizz u jagħmlu l-arranġamenti neċessarji.
Dan is-servizz estiż tal-Klabb 3-16 jiġi offrut ukoll bejn it-tmiem ta' Skolasajf u il-ftuħ tas-sena skolastika f'Settembru, kif ukoll fil-vaganzi li jkollhom l-iskejjel matul is-sena skolastika.

Seduta 301
21/01/2025

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN – ĠNIEN VERTIKALI**

**22409. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika: Tista' l-Ministru tgħid x'sar minnu l-ġnien vertikali li kien twaħħal mal-ħajt tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin? Tista' tgħid ukoll kemm kien ġie jiswa dan il-ġnien?

25/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru konċernat.

Seduta 301
21/01/2025

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI - KONSULENTI MALTIN U BARRANIN**

**22748. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' konsulenti Maltin u barranin (individwi jew kumpaniji) li l-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, għamel użu minnhom minn 2020 sal-aħħar ta' Ottubru 2023? Jista' jgħid ukoll jekk kull servizz mogħti ġiex magħżul wara sejħa għall-offerti jew b'direct order? Fiex kienu jikkonsistu s-servizzi li ngħataw? Għal kemm perjodu ta' żmien kienu ingaġġati? Jekk iżjed minn sena jew term wieħed, għal kemm-il term jew sena mill-ewwel darba li ġew appuntati biex jagħtu dan is-servizz ilhom jagħmlu dan? Kemm kienu l-fees u spejjeż oħra relatati li tħallsu? Jekk il-każ fuq it-terminu ta' żmien li matulu kienu qed jipprovdu dan is-servizz, kemm tħalsu globalment fuq medda ta' żmien min mindu ġew appuntati l-ewwel darba? Kemm kienet ir-rata kull siegħa tal-fees li tħallsu?

05/11/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-konsulenti fis-segretarjat huma ngaġġati skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 301
21/01/2025

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - KONSULENTI MALTIN U BARRANIN**

**22749. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' konsulenti Maltin u barranin (individwi jew kumpaniji) li l-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, għamel użu minnhom minn 2020 sal-aħħar ta' Ottubru 2023? Jista' jgħid ukoll jekk kull servizz mogħti ġiex magħżul wara sejħa għall-offerti jew b'direct order? Fiex kienu jikkonsistu s-servizzi li ngħataw? Għal kemm perjodu ta' żmien kienu ingaġġati? Jekk iżjed minn sena jew term wieħed, għal kemm-il term jew sena mill-ewwel darba li ġew appuntati biex jagħtu dan is-servizz ilhom jagħmlu dan? Kemm kienu l-fees u spejjeż oħra relatati li tħallsu? Jekk il-każ fuq it-terminu ta' żmien li matulu kienu qed jipprovdu dan is-servizz, kemm tħalsu globalment fuq medda ta' żmien min mindu ġew appuntati l-ewwel darba? Kemm kienet ir-rata kull siegħa tal-fees li tħallsu?

05/11/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba għall-Mistoqsija Parlamentari 12484.

Seduta 301
21/01/2025

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI - KONSULENTI MALTIN U BARRANIN**

**22750. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' konsulenti Maltin u barranin (individwi jew kumpaniji) li l-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, għamel użu minnhom minn 2020 sal-aħħar ta' Ottubru 2023? Jista' jgħid ukoll jekk kull servizz mogħti ġiex magħżul wara sejħa għall-offerti jew b'direct order? Fiex kienu jikkonsistu s-servizzi li ngħataw? Għal kemm perjodu ta' żmien kienu ingaġġati? Jekk iżjed minn sena jew term wieħed, għal kemm-il term jew sena mill-ewwel darba li ġew appuntati biex jagħtu dan is-servizz ilhom jagħmlu dan? Kemm kienu l-fees u spejjeż oħra relatati li tħallsu? Jekk il-każ fuq it-terminu ta' żmien li matulu kienu qed jipprovdu dan is-servizz, kemm tħalsu globalment fuq medda ta' żmien min mindu ġew appuntati l-ewwel darba? Kemm kienet ir-rata kull siegħa tal-fees li tħallsu?

05/11/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-konsulenti huma ingaġġati skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 301
21/01/2025

**MINISTERU GĦALL-FINANZI – UFFIĊJALI LI QED JIFFAĊJAW PROĊEDURI KRIMINALI**

**22799. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-uffiċjali fi ħdan il-Ministeru, inkluż entitajiet li jiffurmaw parti minnu li qed jiffaċjaw proċeduri kriminali fl-aħħar ta' Ottubru 2024 u x'inhuma l-akkużi għal kull wieħed minnhom? Jista' jgħid ukoll liema huma dawk li jinsabu bil-full pay, half pay jew sospiżi?

05/11/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ma hemm ebda uffiċjal fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi u l-entitajiet tiegħu li qed jiffaċċjaw proċeduri kriminali.

Seduta 301
21/01/2025

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - APPLIKAZZJONIJIET LI QABŻU D-DATA TA' SKADENZA**

**22847. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il applikazzjoni qabżet id-data ta' skadenza kif stipulata bil-liġi u għadha mhux magħluqa min-naħa tad-Direttorat tal-Ippjanar fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar?

06/11/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-Direttorat tal-Ippjanar fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar ma jipproċessax applikazzjonijiet għal żvilupp.

Seduta 301
21/01/2025

**IS-SIĠĠIEWI – BERĠA TAS-SAĦĦA – TILQIMA TAL-INFLUWENZA**

**22961. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jara li t-tilqima tal-influwenza tibda tingħata fil-Berġa tas-Saħħa tas-Siġġiewi għall-benefiċċju tal-anzjani li qed jiġu mitluba jmorru Ħal Qormi?

08/11/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 21783.

Seduta 301
21/01/2025

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - KAROZZI**

**23526. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid:
(a) jekk għandux it-tieni karozza jew car allowance apparti l-karozza uffiċjali għal użu tiegħu;
(b) x'tip ta' karozzi huma (ditta) u jekk hux electric vehicles jew jaħdimx bi fuel konvenzjonali u jekk f'każ ta' fuel konvenzjonali, kemm intuża fuel kull xahar minn kull karozza minn April 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?
(c) Jekk jintuża fuel konvenzjonali għal dawn il-karozzi, minn fejn jinxtara l-fuel għalihom?
(d) Jekk għandu t-tieni karozza jew car allowance, min jagħmel użu minn din il-karozza meta l-Ministru jkun qed juża l-karozza uffiċjali tiegħu?
(e) Jekk kull karozza hiex tal-kiri jew inxtratx mill-Gvern u jekk f'każ li hi mikrija kemm titħallas kera kull xahar għal kull karozza u jekk mixtrija mill-Gvern kemm kienet l-ispiża biex inxtrat kull karozza?
(f) Jekk kull karozza tinżammx f'garaxx meta ma tkunx użata, u jekk tinżamm f'garaxx titħallasx kera għal tali garage? Jekk fl-affermattiv, kemm titħallas kera fix-xahar għal tali garage u min hu l-benefiċjarju ta' tali kera?
26/11/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanti li m'għandix it-tieni karozza u qed titħaddem il-proċedura skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 301
21/01/2025

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – KAROZZI**

**23527. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid:
(a) jekk għandux it-tieni karozza jew car allowance apparti l-karozza uffiċjali għal użu tiegħu;
(b) x'tip ta' karozzi huma (ditta) u jekk hux electric vehicles jew jaħdimx bi fuel konvenzjonali u jekk f'każ ta' fuel konvenzjonali, kemm intuża fuel kull xahar minn kull karozza minn April 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?
(c) Jekk jintuża fuel konvenzjonali għal dawn il-karozzi, minn fejn jinxtara l-fuel għalihom?
(d) Jekk għandu t-tieni karozza jew car allowance, min jagħmel użu minn din il-karozza meta l-Ministru jkun qed juża l-karozza uffiċjali tiegħu?
(e) Jekk kull karozza hiex tal-kiri jew inxtratx mill-Gvern u jekk f'każ li hi mikrija kemm titħallas kera kull xahar għal kull karozza u jekk mixtrija mill-Gvern kemm kienet l-ispiża biex inxtrat kull karozza?
(f) Jekk kull karozza tinżammx f'garaxx meta ma tkunx użata, u jekk tinżamm f'garaxx titħallasx kera għal tali garage? Jekk fl-affermattiv, kemm titħallas kera fix-xahar għal tali garage u min hu l-benefiċjarju ta' tali kera?

26/11/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi mgħandix it-tieni karozza u qed titħaddem il-proċedura stabbilita.

Seduta 301
21/01/2025

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT - KAROZZI**

**23528. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid:
(a) jekk għandiex it-tieni karozza jew car allowance apparti l-karozza uffiċjali għal użu tagħha;
(b) x'tip ta' karozzi huma (ditta) u jekk hux electric vehicles jew jaħdimx bi fuel konvenzjonali u jekk f'każ ta' fuel konvenzjonali, kemm intuża fuel kull xahar minn kull karozza minn April 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?
(c) Jekk jintuża fuel konvenzjonali għal dawn il-karozzi, minn fejn jinxtara l-fuel għalihom?
(d) Jekk għandha t-tieni karozza jew car allowance, min jagħmel użu minn din il-karozza meta l-Ministru tkun qed tuża l-karozza uffiċjali tagħha?
(e) Jekk kull karozza hiex tal-kiri jew inxtratx mill-Gvern u jekk f'każ li hi mikrija kemm titħallas kera kull xahar għal kull karozza u jekk mixtrija mill-Gvern kemm kienet l-ispiża biex inxtrat kull karozza?
(f) Jekk kull karozza tinżammx f'garaxx meta ma tkunx użata, u jekk tinżamm f'garaxx titħallasx kera għal tali garage? Jekk fl-affermattiv, kemm titħallas kera fix-xahar għal tali garage u min hu l-benefiċjarju ta' tali kera?

26/11/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi m'għandix it-tieni karozza.

Seduta 301
21/01/2025

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR - KAROZZI**

**23529. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid:
(a) jekk għandux it-tieni karozza jew car allowance apparti l-karozza uffiċjali għal użu tiegħu;
(b) x'tip ta' karozzi huma (ditta) u jekk hux electric vehicles jew jaħdimx bi fuel konvenzjonali u jekk f'każ ta' fuel konvenzjonali, kemm intuża fuel kull xahar minn kull karozza minn April 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?
(c) Jekk jintuża fuel konvenzjonali għal dawn il-karozzi, minn fejn jinxtara l-fuel għalihom?
(d) Jekk għandu t-tieni karozza jew car allowance, min jagħmel użu minn din il-karozza meta l-Ministru jkun qed juża l-karozza uffiċjali tiegħu?
(e) Jekk kull karozza hiex tal-kiri jew inxtratx mill-Gvern u jekk f'każ li hi mikrija kemm titħallas kera kull xahar għal kull karozza u jekk mixtrija mill-Gvern kemm kienet l-ispiża biex inxtrat kull karozza?
(f) Jekk kull karozza tinżammx f'garaxx meta ma tkunx użata, u jekk tinżamm f'garaxx titħallasx kera għal tali garage? Jekk fl-affermattiv, kemm titħallas kera fix-xahar għal tali garage u min hu l-benefiċjarju ta' tali kera?

26/11/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma nagħmilx użu mit-tieni karozza.
Seduta 301
21/01/2025

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL - KAROZZI**

**23530. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid:
(a) jekk għandux it-tieni karozza jew car allowance apparti l-karozza uffiċjali għal użu tiegħu;
(b) x'tip ta' karozzi huma (ditta) u jekk hux electric vehicles jew jaħdimx bi fuel konvenzjonali u jekk f'każ ta' fuel konvenzjonali, kemm intuża fuel kull xahar minn kull karozza minn April 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?
(c) Jekk jintuża fuel konvenzjonali għal dawn il-karozzi, minn fejn jinxtara l-fuel għalihom?
(d) Jekk għandu t-tieni karozza jew car allowance, min jagħmel użu minn din il-karozza meta l-Ministru jkun qed juża l-karozza uffiċjali tiegħu?
(e) Jekk kull karozza hiex tal-kiri jew inxtratx mill-Gvern u jekk f'każ li hi mikrija kemm titħallas kera kull xahar għal kull karozza u jekk mixtrija mill-Gvern kemm kienet l-ispiża biex inxtrat kull karozza?
(f) Jekk kull karozza tinżammx f'garaxx meta ma tkunx użata, u jekk tinżamm f'garaxx titħallasx kera għal tali garage? Jekk fl-affermattiv, kemm titħallas kera fix-xahar għal tali garage u min hu l-benefiċjarju ta' tali kera?

26/11/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi m'għandix it-tieni karozza u qed titħaddem il-proċedura stabbilita.
Seduta 301
21/01/2025

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INDAFA PUBBLIKA - KAROZZI**

**23532. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika: Tista' l-Ministru tgħid:
(a) jekk għandiex it-tieni karozza jew car allowance apparti l-karozza uffiċjali għal użu tagħha;
(b) x'tip ta' karozzi huma (ditta) u jekk hux electric vehicles jew jaħdimx bi fuel konvenzjonali u jekk f'każ ta' fuel konvenzjonali, kemm intuża fuel kull xahar minn kull karozza minn April 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?
(c) Jekk jintuża fuel konvenzjonali għal dawn il-karozzi, minn fejn jinxtara l-fuel għalihom?
(d) Jekk għandha t-tieni karozza jew car allowance, min jagħmel użu minn din il-karozza meta l-Ministru tkun qed tuża l-karozza uffiċjali tagħha?
(e) Jekk kull karozza hiex tal-kiri jew inxtratx mill-Gvern u jekk f'każ li hi mikrija kemm titħallas kera kull xahar għal kull karozza u jekk mixtrija mill-Gvern kemm kienet l-ispiża biex inxtrat kull karozza?
(f) Jekk kull karozza tinżammx f'garaxx meta ma tkunx użata, u jekk tinżamm f'garaxx titħallasx kera għal tali garage? Jekk fl-affermattiv, kemm titħallas kera fix-xahar għal tali garage u min hu l-benefiċjarju ta' tali kera?
26/11/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'għandix it-tieni karozza u qed titħaddem il-proċedura stabbilita.

Seduta 301
21/01/2025

**IĊ-ĊIRKEWWA – PARK MARIN**

**23897. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu jgħid fiex wasal il-proċess biex il-park marin taċ-Ċirkewwa li issa ilu snin jeżisti biss fuq il-karta, jitwaqqaf b'mod legali? Jista' jgħid ukoll jekk inbediex il-proċess sabiex jitwaqqfu żoni oħra bi protezzjoni simili bħax-Xatt l-Aħmar f'Għawdex?

02/12/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proċess tat-twaqqif tal-Park Marittimu b'mod legali qed jigi ffinalizzat mill-Awtorita' tal-Ambjent u Riżorsi u għandu jkun komplut fiż-żmien li ġej.

In-nomina ta' NGO (Nature Trust) sabiex ikunu jistgħu jaħdmu fuq it-twaqqif ta' dan il-Park Marittimu;
Iffirmat ftehim ta' sostenn mal-NGO Nature Trust sabiex ikollha r-riżorsi neċessarji sabiex ikun jista jitwaqqaf dan il-Park Marittimu;
Jiġi nominat *park manager* sabiex ikun jista jiffoka fuq dan il-proġett;
Jibdew diversi studji li jservu ta' bażi fuq:
o L-użu differenti ġewwa z-zona tal-Park Marittimu
o L-ispeċi ta' ħut u fawna oħra tal-baħar li huma preżenti fil-Park Marittimu
o It-tipi differenti ta' abitat li jinstabu fil-Park Marittimu
o Posidonia oceanica (alka) u l-istat tagħha

Koperazzjoni u kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra governattivi bħal Transport Malta, ERA;
Żamma u manutenzjoni tal-aċċessibilita' għall-bugħaddasa;
Twaħħil ta' tabelli ta' informazzjoni għall-bugħaddasa;
Żieda fil-moniteraġġ u infurzar;
Twaħħil ta' *camera* taħt il-baħar;
Twaħħil ta' *CCTV camera* għal sorveljanza;
Twaħħil ta' *counters*sabiex tinżamm statistika ta' bugħaddasa matul is-sena kollha;
Apparti il-proviżjoni ta' servizz ta' *showers* u latrina pubblika beda jiġi offrut servizz ta' *first aid* bejn ix-xhur ta' Mejju u Ottubru;
Wieħed mill-objettivi tal-Park Marittimu huwa li jeduka, għaldaqstant ġew organizzati numru ta' attivitajiet edukkattivi mill-*istaff* tal-park innifsu kif ukoll attivitajiet (bħal *clean-ups*) ma' NGOs oħra.
B'sodisfazzjon ninnutaw li l-iskejjel tal-għadds li jagħmlu użu minn din id-*dive site*bdew iħallu kummenti pożittivi għax-xogħol li qed isir u li qed tidher id-differenza fil-prodott.

L-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu u l-entitajiet l-oħra li qegħdin jikkolaboraw f'dan il-proġett bħalissa qed jiffukaw li jirnexxi dan is-sit qabel iħarsu lejn siti oħra.

Seduta 301
21/01/2025

**Ħ'ATTARD - PROJECT GREEN - PROĠETTI**

**23980. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika: Tista' l-Ministru tgħid xi proġetti saru minn Project Green jew hemm ippjanat li jsiru, f'Ħ'Attard?

03/12/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 21102, fejn tajt informazzjoni dettaljata dwar il-proġett li se twettaq Project Green biex jiġu kkonservati l-Ġonna ta' San Anton f'Ħ'Attard, ninfurmah li Ambjent Malta għadha kemm wettqet xogħlijiet tal-ewwel fażi tal-proġett biex Wied Inċita jitgawda mill-pubbliku bħala spazju aħdar miftuħ. Dan ix-xogħol kien jikkonsisti fil-livellar tas-sit, it-tneħħija tal-*Opuntia* (xewk), ir-restawr tal-ħitan tul il-passaġġ prinċipali, l-installazzjoni tal-ilqugħ u t-tneħħija ulterjuri ta' ħaxix u żbir biex jiġi żgurat li dan jiġi nstallat b'mod sigur, it-tindif tal-ġibjun li jinsab ħdejn id-daħla tan-naħa tat-tramuntana, it-tneħħija tal-pajpijiet tal-ħadid mhux użati, ir-restawr tal-kamra tal-pompa u l-għodda, kif ukoll il-bini tal-passaġġ prinċipali. Ġiet installata wkoll għamara ta' barra, bħal picnic benches u gazebo. Ambjent Malta bdiet taħdem fuq it-tieni fażi ta' dan il-proġett, fejn hemm pjanat aktar xogħol formali għal dan l-ispazju.
Ambjent Malta bħalissa għaddejja wkoll b'xogħlijiet fi Ġnien Palma f'Ħ'Attard. Ix-xogħlijiet ta' tisbiħ ta' dan il-ġnien jinkludu żieda fl-aċċess għar-roti, tneħħija ta' siġar u arbuxelli invażivi biex flokhom jitħawlu siġar u arbuxelli indiġeni, xogħlijiet ta' pavimentar b'madum li se jkun manifatturat minn materjal riċiklabbli, sistema ta' dawl LED, għamara urbana li se tissostitwixxi dik eżistenti u tagħmir għal-logħob mit-tfal li wkoll se jsiru minn materjal riċiklabbli.

Seduta 301
21/01/2025

**PJAN TA' AZZJONI GĦAT-TĦAWWIL TA' SIĠAR U AFFORESTAZZJONI**

**24026. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 22166 u tipprovdi tagħrif dwar il-pjan ta' azzjoni għat-tħawwil ta' siġar u afforestazzjoni ta' din il-leġiżlatura? Tista' tgħid kemm ġew imħawla siġar u x'kienet in-nefqa relatata fis-snin 2022, 2023 u 2024, maqsuma sena b'sena?

04/12/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 24184 u għad-dokument li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 301
21/01/2025

**ĦOLQIEN TA' SPAZJI MIFTUĦA**

**24027. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 22168 u tgħid x'passi ttieħdu biex lokalitajiet urbani jiġu trasformati permezz tal-ħolqien ta' spazji miftuħa, pocket parks, green walls, roof gardens u żoni pedonali permanenti, inkluż parkeġġi pubbliċi taħt l-art? Tista' tipprovdi dettalji dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri, fejn ġew implementati u n-nefqa fis-snin 2022, 2023 u 2024 tal-proġetti nfushom kif ukoll in-nefqa fuq PR u marketing, maqsuma sena b'sena?

04/12/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nirrerferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba li tajtha għall-mistoqsija parlamentari 22217, ninfurmaha li sal-aħħar tal-2024 tlestew ħames proġetti oħra li huma Ġnien l-Indipendenza f'Birżebbuġa, il-Hospice Landscape Garden f'Santa Venera, Ġnien Spencer fil-Marsa, Wied Inċita f'Ħ'Attard u r-riġenerazzjoni tal-Ġonna ta' Villa Portelli fil-Kalkara. Għaldaqstant, l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika - Project Green, Ambjent Malta, Greenserv, GHRC u l-Awtorita għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) – mill-bidu ta' din il-leġiżlatura sa tmiem is-sena li għaddiet wettqu bejniethom 35 proġett fi 23 lokalitá, li flimkien iġibu medda art ta'150,000 metru kwadru.

Seduta 301
21/01/2025

**LONG-TERM WASTE MANAGEMENT PLAN – IMPLIMENTAZZJONI**

**24028. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 22176 u tipprovdi tagħrif dwar l-implimentazzjoni tal-Long-Term Waste Management Plan bil-għan li jonqos l-iskart iġġenerat, jiġu introdotti sistemi avvanzati ta' pproċessar tal-iskart u jinħolqu opportunitajiet ġodda ta' negozju fis-settur? Tista' tipprovdi dettalji dwar l-istat ta' dan il-pjan u tqassim tan-nefqa fis-snin 2022, 2023 u 2024?

04/12/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 301
21/01/2025

**PJANIJIET DWAR IT-TNAQQIS TAL-EMISSJONIJIET**

**24029. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 22179 u tipprovdi tagħrif dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-miri konkreti tal-Long-Term Renovation Strategy, il-Low Carbon Development Strategy u l-Pjan Nazzjonali għall-Klima u l-Enerġija biex nilħqu l-miri ta' tnaqqis drastiku fl-emmissjonijiet sal-2030 sabiex nilħqu n-newtralità fil-karbonju sal-2050? Tista' tipprovdi dettalji dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet u dwar it-tqassim tan-nefqa relata fis-snin 2022, 2023 u 2024?

04/12/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-progress u l-aġġornament tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet imsemmijin ġew integrati fil-Pian Nazzjonali tal-Energija u l-Klima, liema pjan ġie aġġornat u sottomess lill-Kumissjoni Ewropea. Il-pjan iwassal għal tnaqqis totali proġettat ta' 41% fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra fuq livell nazzjonali meta mqabbel mal-livelli tal-2005 sal-2030. Dan il-progress qed iseħħ minkejja ż-żieda sinifikanti fl-attività ekonomika meta mqabbel mal-2005 u l-projezzjonijiet ta' aktar tkabbir ekonomiku fil-futur. Il-Gvern qed jibqa' mpenjat biex jindirizza t-tibdil fil-klima, filwaqt li jippromwovi tkabbir ekonomiku sostenibbli u jassigura li ċ-ċittadini ma jiġux mgħobbijin b'piżijiet eċċessivi biex jintlaħqu l-miri stabbiliti.

Seduta 301
21/01/2025

**DISTRIBUTION LINK ĠDIDA BEJN IT-TERMINAL TAL-INTERCONNECTOR FIL-MAGĦTAB U Ċ-ĊENTRU TAD-DISTRIBUZZJONI FIL-MOSTA**

**24030. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 22182 u tipprovdi tagħrif dwar il-progress fil-kostruzzjoni ta' distribution link ġdida bejn it-terminal tal-interconnector fil-Magħtab u ċ-ċentru tad-distribuzzjoni fil-Mosta, bil-għan li jissaħħaħ in-network primarju tad-distribuzzjoni? Tista' tipprovdi dettalji dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-proġett u dwar it-tqassim tan-nefqa għas-snin 2022, 2023 u 2024?

04/12/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li x-xogħol b'rabta ma' dan il-proġett, li se jsir b'investiment ta' €6 miljun, diġà beda fejn bħalissa qed jinbnew il-culverts f'partijiet mir-rotta. Din il-link ġdida ta' 132kV bejn it-terminal fil-Magħtab u ċ-ċentru ta' distribuzzjoni fil-Mosta, li parti kbira minnha se tgħaddi minn mini taħt l-art, qed issir bi preparazzjoni għat-tieni interconnector.

Seduta 301
21/01/2025

**NETWORK TAD-DISTRIBUZZJONI TAL-ELETTRIKU - INVESTIMENT**

**24031. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 22183 u tipprovdi tagħrif dwar il-pjanijiet u l-investiment fin-network tad-distribuzzjoni elettrika biex tagħmel tajjeb għaż-żieda fid-domanda tal-elettriku u jkun hemm titjib fl-affordabbiltà tas-servizz? Tista' tipprovdi dettalji dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet u dwar it-tqassim tan-nefqa fis-snin 2022, 2023 u 2024?

04/12/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-investiment mill-Enemalta matul l-aħħar tliet snin kien kontinwu biex tkompli ssaħħaħ is-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku. Bħalissa Enemalta tinsab fit-tielet sena mill-pjan ta' sitt snin għar-rinfurzar fis-sistema fejn ġew allokati €90 miljun biex dan it-tisħiħ ikun jista' jiġi implimentat. Matul is-snin 2022 u 2023 Enemalta kompliet taħdem fuq diversi livelli fl-infrastruttura tagħha. F'dawk is-sentejn ikkummisjonat 91 substation ġdida, permezz ta' tkabbir ta' transformers saħħet 22 substation u biddlet switchgear f'44 substation oħra. Dawn ix-xogħlijiet komplew isaħħu s-sistema tad-distribuzzjoni għad-djar u n-negozji tagħna. Ma' dan ix-xogħol f'substations ġodda kien hemm it-tqegħid ta' madwar 18-il kilometru ta' cables ġodda taħt l-art fuq livell ta' vultaġġ medju kif ukoll 145 feeders ġodda fuq livell ta' vultaġġ baxx. Sar ukoll xogħol fuq estensjonijiet ta' tliet ċentri ta' distribuzzjoni. Dawn iċ-ċentri rdupjatilhom il-kapaċità biex ikomplu jfornu lill-konsumaturi. Iċ-ċentri ta' distribuzzjoni li ġew imsaħħa fl-2022 u 2023 kienu ta' Marsaskala, l-Imrieħel u ta' Ħal Tarxien.
Fl-2024 Enemalta skattat pjan aċċellerat ta' tisħiħ fin-network tad-distribuzzjoni fejn b'investiment ta' €55 miljun, f'sitt xhur tpoġġew 82 kilometru ta' cables ġodda taħt l-art fuq livell ta' vultaġġ medju. Dawn ix-xogħlijiet saru b'kollaborazzjoni ma' Infrastructure Malta u Transport Malta. Lejn l-aħħar tas-sena inbdew xogħlijiet biex jitpoġġew 60 kilometru ta' cables ġodda oħra madwar Malta u Għawdex fejn dan it-tisħiħ se jkompli jżid ir-reżiljenza fl-infrastruttura elettirka tagħna. Fuq livell ta' vultaġġ baxx b'kollox inxtegħlu 166 low voltage feeders ġodda li jwasslu l-provvista tal-elettriku mis-substations għal għand l-konsumaturi kif ukoll inbidlu madwar 47 kilometru ta' linji tal-elettriku fit-toroq.
Dan il-pjan aċċellerat ma kienx biss jinvolvi t-tqiegħid ta' cables ġodda. Enemalta kkumissjonat 54 substation ġdida f'lokalitajiet madwar Malta u Għawdex f'diversi lokalitajiet. In-network tas-substations qiegħed jiġi msaħħaħ ukoll permezz ta' modernizzar tat-tagħmir f'substations ezistenti. Enemalta għamlet xogħlijiet ta' tkabbir ta' transformers f'47 substation eżistenti u biddet 29 switchgear fejn ġie installat apparat iktar modern, li f'każ ta' diffikultajiet ikun jista' jiġi operat mill-kamra tal-kontroll fil-Marsa u tnaqqas il-ħin biex tingħata lura l-provvista.
Fl-2024 Enemalta ħadmet ukoll fuq ċentri ta' distribuzzjoni ġodda kif ukoll oħrajn li tkabbret il-kapaċità tagħhom. Sar tkabbir taċ-ċentru ta' distribuzzjoni ta' Bugibba fejn żdied transformer ta' 30MVA u tkabbar l-iswitchgear biex issaħħet id-distribuzzjoni fiż-żona ta' San Pawl il-Baħar, Buġibba u l-Qawra. Inbeda wkoll xogħol preparatorju biex tiġi rduppjata l-kapaċità taċ-ċentru ta distribuzzjoni f'St. Andrews u l-Imsida, kif ukoll biex jiżdiedu żewġ ċentri ta' distribuzzjoni oħra, wieħed fin-Naxxar u ieħor fis-Siġġiewi. Inbeda wkoll ix-xogħol b'rabta mal-link ġdid ta' 132 kilovolt li se jsir bejn it-Terminal fil-Magħtab u ċ-ċnetru ta' distribuzzjoni fil-Mosta bi preparazzjoni għat-tieni interconnector ippjanat jiġi kkummissjonat fl-2026.

Seduta 301
21/01/2025

**MEMBRI PARLAMENTARI - PENSJONI TAS-SIGURTÀ NAZZJONALI**

**24071. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 21575, jista' l-Ministru jgħid għaliex Eks Membru Parlamentari li kellu salarju li jaqbeż sew iż-żewġ terzi rikjesti u ħallas il-bolla tas-sigurtà nazzjonali għal aktar minn 45 sena, ma jieħux il-massimu tal-pensjoni kontributorja li hu intitolat għaliha? Jista' jgħid ukoll għaliex il-pensjoni tas-sigurtà nazzjonali tiegħu hija mnaqqsa, filwaqt li sħabu li ma kinux membri parlamentari jieħdu l-massimu tal-pensjoni kontributorja?

05/12/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, min m'għandux pensjoni tas-servizz u li meta rtira kellu d-dħul tiegħu li jaqbeż id-Dħul Massimu Pensjonabbli, u li llum il-ġurnata huwa dak ta' €23,500 għal min twieled qabel is-sena 1962, l-ogħla rata ta' pensjoni hi dik ta' €301.28 fil-ġimgħa.

Min għandu pensjoni tas-servizz, jirċievi żewġ terzi tas-salarju li jkun spiċċa bih. Mal-pensjoni tas-servizz jirċievi wkoll rata fissa ta' pensjoni kontributorja, kif diġa ġie spjegat fil-Mistoqsija Parlamentari Numru 215755.

Għalhekk, flimkien mal-pensjoni tas-servizz u r-rata fissa tal-pensjoni kontributorja, persuna jkun qiegħed jirċievi ammont li jammonta għal aktar minn żewġ terzi tas-salarju li jkun spiċċa bih.

Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li din hija informazzjoni ġenerali. Jekk l-Onor. Interpellant bil-permess tal-eks Membru Parlamentari, jogħoġbu jgħaddi l-isem b'mod kunfidenzjali, tkun tista' tingħata tweġiba aktar speċifika.

Seduta 301
21/01/2025

**GENE BANK - PROĠETT**

**24109. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proġett tal-Gene Bank u jgħid jekk kienx hemm xi dewmien? Jekk iva, jista' jgħid għaliex u kemm kien dan id-dewmien? Jista' jgħid ukoll jekk il-kuntratturi ngħatawx xi multi u jekk intilfux xi fondi Ewropej relatati ma' dan il-proġett?

06/12/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gene Bank kien imnedi fil- 21 ta' Lulju, 2023 u l-proġett ġie implimentat skont approvazzjonijiet mill-Awtorita' ta' Ġestjoni tal-Fondi Ewropej. Nikkonferma li l-ebda kuntrattur ma ngħata multi u ma ntilfu l-ebda fondi.

Seduta 301
21/01/2025

**REPUBBLIKA 50 – NEFQA FUQ REKLAMAR**

**24119. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'kienet in-nefqa fuq reklamar għall-kampanja 'Repubblika 50'? Jista' jgħid ukoll kemm minn dan ir-reklamar ma ngħatax permezz ta' direct order u għal kemm?

09/12/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat illi parti mid-Design Contest li nħareġ mill-Fondazzjoni Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali, skont il-proċedura uffiċjali li għaddiet mid-Dipartiment tal-Kuntratti, kien jinkludi wkoll it-twassil ta' informazzjoni b'rabta mal-avvenimenti nazzjonali biex jimmarkjaw il-50 anniversarju minn meta Malta saret Repubblika. Għaldaqstant, ninfurmah illi l-kuntrattur rebbieħ kien ippreżenta pjan ta' reklamar bħala parti mis-sejħa. Għalhekk, l-interpellant għandu jifhem illi, l-element ta' kampanja tat-twassil ta' informazzjoni mhux maqsum apparti.

Seduta 301
21/01/2025

**VALLETTA - PAGEANT OF THE SEAS**

**24195. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 21968, jista' l-Ministru jagħti break down ta' kif intefqu l-flus u lil min?

12/12/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 21968.

Seduta 301
21/01/2025

**GĦAŻLA TA' CEOS**

**24198. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 23659, jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija magħmula u preċiżament jispjega b'mod ċar għalfejn f'xi istanzi l-għażla tas-CEO ta' awtorità pubblika ssir biss wara sejħa pubblika waqt li f'istanzi oħra s-CEO jkun hand-picked mingħajr l-ebda sejħa pubblika?

16/12/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dawn jinħatru skont ir-regoli jew l-liġi applikabli.
Seduta 301
21/01/2025

**FIAU - PUBBLIĊITÀ FUQ IL-WEBSITE**

**24199. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid x'normi jew guidelines issegwi l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) fir-rigward ta' pubbliċità fuq il-website tagħha:
i. meta tkun qed tinvestiga allegat ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet jew deċiżjonijiet li qed tinforza fejn allura tkun qed tqis l-impożizzjoni ta' xi penali amministrattiva; u
ii. meta tieħu deċiżjoni finali fejn tiġi imposta penali amministrattiva?

16/12/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-Korp ma jippublika l-ebda informazzjoni fuq il-*website* tiegħu, meta jkun qed jagħmel analizi supervizorja, biex jara jekk hemmx konformita' o meno mal-liġijiet u l-obbligi kollha relatati mal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terrorizmu.
Minn naħa l-oħra, fejn jikkonċerna informazzjoni relatata mat-tieni punt tal-mistoqsija, nitlob lill-Onorevoli Interpellant jagħmel referenza għall-Artikolu 13C tal-Att Kontra Money Laundering (Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta), u għad-dokument pubbliku bl-isem '*Publication of AML/CFT Administrative Penalties and Measures Policies and Procedures*', liema Artikolu u dokument jirregolaw meta u kif il-Korp għandu jippublika informazzjoni fuq il-website tiegħu.
Seduta 301
21/01/2025

**MFSA - PUBBLIĊITÀ FUQ IL-WEBSITE**

**24200. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid x'normi jew guidelines issegwi l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) fir-rigward ta' pubbliċità fuq il-website tagħha:
i. meta tkun qed tinvestiga allegat ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet jew deċiżjonijiet li qed tinforza fejn allura tkun qed tqis l-impożizzjoni ta' xi penali amministrattiva; u
ii. meta tieħu deċiżjoni finali fejn tiġi imposta penali amministrattiva?

16/12/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-investigazzjonijiet illi l-MFSA tkun qiegħda tagħmel huma kunfidenzjali u l-ebda informazzjoni ma tiġi ppubblikata fuq il-website tagħha sakemm l-MFSA ma tiħux deċiżjoni finali fejn tiġi imposta xi miżura amministrattiva.
F'każ illi l-MFSA tieħu deċizjoni finali fejn tiġi imposta penali amministrattiva, l-MFSA tippubblika avviż fuq il-website tagħha li, ġeneralment, ikun jinkludi dettalji dwar l-entita'/persuna fuq min tkun ħarġet tali deċiżjoni, l-ammont ta' penali amministrattiva imposta jew it-tip ta miżura amministrattiva imposta u dettal dwar id-dispożizzjonijiet tal-liġi illi ġew miksura.
L-MFSA għandha l-poter illi toħroġ avviżi b'mod anonimu meta l-kriterji msemmija fil- Publication Policy tal-MFSA jiġu sodisfatti.
Seduta 301
21/01/2025

**MCA - MEMBRI TAL-BORD**

**24201. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri tal-Bord tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA) ? Jista' fir-rigward ta' kull membru jgħid:
i. Meta ġie appuntat fil-ħatra?
ii. Għal kemm żmien hi l-ħatra?
iii. Jekk din hijiex l-ewwel ħatra fuq dan il-Bord?

16/12/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma l-Onor. Interpellant li qed inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 301
21/01/2025

**FIAU - PENALITAJIET AMMINISTRATTIVI**

**24250. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 24047, jista' l-Ministru jgħid għalfejn kontestazzjoni ta' penali ta' inqas minn €5,000 a tenur tal-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12, hi meqjusa sufficjenti meta tali possibbiltà ta' kontestazzjoni mhix ekwivalenti għal dritt ta' appell fuq punt ta' liġi jew ta' fatt quddiem il-Qorti, dritt ta' appell li hu provdut fir-rigward ta' istanzi oħra fejn regolaturi oħra jimponu penalitajiet simili?

20/12/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hekk kif diġa' spjegat, l-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12), huwa rimedju ġudizzjarju li jagħti lil entitajiet legali u persuni d-dritt li jirrikorru għand il-Qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili sabiex jistħarrġu l-validita' ta xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalid jew mingħajr effett fil-kazijiet hekk stipulati fi-liġi.
Dan id-dritt ġie kemm il-darba interpretat u mħaddem mill-qrati nostrana fejn ġie stabblilit illi din hija azzjoni ta' natura sussidjarja, jiġifieri mogħtija lill-persuna fin-nuqqas ta' xi azzjoni jew rimedju ieħor disponibbli f'xi liġi oħra sabiex jindirizza l-ilment tiegħu. Allura jiġi spjegat illi dan r-rimedju proprju ddaħħal fil-liġi sabiex il-leġislatur jaċċerta li kulħadd għandu jkollu rimedju suffiċjenti u effettiv.

Seduta 301
21/01/2025

**MFSA - L.S. 330.17 - PENALI AMMINISTRATTIVI**

**24323. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il penali amministrattiva ġiet imposta mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) a tenur tal-L.S. 330.17? F'kull każ, jista' jgħid kemm kien l-ammont tal-penali u jekk kienx hemm kontestazzjoni? Jekk iva, x'inhu l-istatus attwali tal-proċeduri ta' kontestazzjoni?

27/12/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) tikkonferma illi, sal-ġurnata tal-lum, l-ebda penali amministrattiva ma ġiet imposta a tenur tal-L.S. 330.17.

Seduta 301
21/01/2025

**SANTA LUĊIJA - RESIDENTI LI QED JIRĊIEVU L-GĦAJNUNA SOĊJALI**

**24356. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni residenti Santa Luċija li rċevew l-għajnuna soċjali matul is-sena 2024 u jindika kemm kienu nisa u kemm kienu rġiel?

31/12/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant, li l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella ta' hawn taħt:

| **Santa Luċija** | | | |
|---|---|---|---|
| **Benefiċċju Soċjali** | **Nisa** | **Irġiel** | **Total** |
| SA (Għajnuna Soċjali) | 28 | 5 | 33 |
| SUP (Għajnuna Soċjali Single Unmarried Parent) | 29 | 1 | 30 |

Ta' min iżid li n-numru ta' persuni f Santa Luċija naqas b'mod sostanzjali. Dan hekk kif fl-2013 kien hemm 77 persuna jirċievu l-Għajnuna Soċjali u 50 persuna jirċievu l-Għajnuna Soċjali Single Unmarried Parent.

Seduta 301
21/01/2025

**ĦAL TARXIEN - TEMPJI NEOLITIĊI - VIŻITATURI**

**24357. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm viżitaturi fit-Tempji Neolitiċi ta' Ħal Tarxien possibbilment skont is-sess tagħhom matul is-sena 2024 u kemm kien id-dħul u l-infiq?

31/12/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat minn Heritage Malta li n-numru ta' viżitaturi fit-Tempji Neolitiċi ta' Ħal Tarxien matul is-sena 2024 kien ta' 56,111. Ninsab infurmat ukoll li d-dħul jammonta għal €321,834.89 filwaqt li l-infiq jammonta għal € 83,505.81. L-informazzjoni dwar is-sess tal-viżitaturi ma tinżamx.

Seduta 301
21/01/2025

**ĦAL GĦAXAQ - RESIDENTI LI QED JIRĊIEVU L-GĦAJNUNA SOĊJALI**

**24358. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni residenti Ħal Għaxaq li rċevew l-għajnuna soċjali matul is-sena 2024 u jindika kemm kienu nisa u kemm kienu rġiel?

31/12/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant, li l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella ta' hawn taħt:

| **Ħal Għaxaq** | | | |
|---|---|---|---|
| **Benefiċċji Soċjali** | **Nisa** | **Irġiel** | **Total** |
| SA (Għajnuna Soċjali) | 28 | 12 | 40 |
| SUP (Għajnuna Soċjali Single Unmarried Parent) | 29 | 0 | 29 |

Ta' min iżid li n-numru ta' persuni f Ħal-Għaxaq naqas b'mod sostanzjali. Dan hekk kif fl-2013 kien hemm 80 persuna jirċievu l-Għajnuna Soċjali u 59 persuna jirċievu l-Għajnuna Soċjali Single Unmarried Parent.
Seduta 301
21/01/2025

**IPOĠEW TA' ĦAL SAFLIENI - VIŻITATURI**

**24359. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm viżitaturi fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni possibilment skont is-sess tagħhom matul is-sena 2024 u kemm kien id-dħul u l-infiq?

31/12/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat minn Heritage Malta li n-numru ta' viżitaturi fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni matul is-sena 2024 kien ta' 26,737. Ninsab infurmat ukoll li d-dħul jammonta għal €160,139.21 filwaqt li l-infiq jammonta għal €146,315.67. L-informazzjoni dwar is-sess tal-viżitaturi ma tinżamx.

Seduta 301
21/01/2025

**RAĦAL ĠDID - ĠNIEN SAN ALWIĠI - XOGĦLIJIET**

**24360. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju waslu x-xogħlijiet li kellhom isiru f'dak li preċedentement kien Ġnien San Alwiġi, f'Raħal Ġdid?

31/12/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid li fil-preżent, il-Kunsill qed jevalwa l-offerti li rċieva dwar dan il-proġett, u deċiżjoni finali għandha tittieħed fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta 301
21/01/2025

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI – XIRI TA' KAROZZI ĠODDA - NEFQA**

**24395. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu flus biex inxtraw karozzi ġodda taħt id-dekasteru tiegħu, inkluż fid-dipartimenti u l-entitajiet li jaqgħu taħtu, minn Ġunju 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż informazzjoni dwar il-mudell tal-karozzi li nxtraw, minn liema kumpanija u meta nxtraw, jekk inxtrawx b'direct order jew b'tender pubbliku, l-ammont li nxtraw, u jagħti l-pożizzjoni u l-grad tal-persuna għal min inxtrat kull karozza? Jista' jagħti din l-informazzjoni fil-format li qed jingħata separatament?

07/01/2025

**ONOR. CHRIS BONETT:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.
Seduta 301
21/01/2025

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – KIRI TA' KAROZZI - NEFQA**

**24396. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm intefqu flus biex inkrew karozzi taħt id-dekasteru tiegħu, inkluż fid-dipartimenti u l-entitajiet li jaqgħu taħtu, minn Ġunju 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż informazzjoni dwar il-mudell tal-karozzi li nkrew, minn liema kumpanija nkrew, id-data tal-bidu u t-tmiem ta' kull kirja, jekk inkrewx b'direct order jew b'tender pubbliku, l-ammont li nkrew u jagħti l-pożizzjoni u l-grad tal-persuna għal min inkriet kull karozza? Jista' jagħti din l-informazzjoni fil-format li qed jingħata separatament?

07/01/2025

**ONOR. ROBERT ABELA:** It-tagħrif għadu qed jinġabar.
Seduta 301
21/01/2025

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U T-TURIŻMU – KIRI TA' KAROZZI - NEFQA**

**24397. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu jgħid kemm intefqu flus biex inkrew karozzi taħt id-dekasteru tiegħu, inkluż fid-dipartimenti u l-entitajiet li jaqgħu taħtu, minn Ġunju 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż informazzjoni dwar il-mudell tal-karozzi li nkrew, minn liema kumpanija nkrew, id-data tal-bidu u t-tmiem ta' kull kirja, jekk inkrewx b'direct order jew b'tender pubbliku, l-ammont li nkrew u jagħti l-pożizzjoni u l-grad tal-persuna għal min inkriet kull karozza? Jista' jagħti din l-informazzjoni fil-format li qed jingħata separatament?

07/01/2025

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 301
21/01/2025

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – KIRI TA' KAROZZI - NEFQA**

**24398. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu flus biex inkrew karozzi taħt id-dekasteru tiegħu, inkluż fid-dipartimenti u l-entitajiet li jaqgħu taħtu, minn Ġunju 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż informazzjoni dwar il-mudell tal-karozzi li nkrew, minn liema kumpanija nkrew, id-data tal-bidu u t-tmiem ta' kull kirja, jekk inkrewx b'direct order jew b'tender pubbliku, l-ammont li nkrew u jagħti l-pożizzjoni u l-grad tal-persuna għal min inkriet kull karozza? Jista' jagħti din l-informazzjoni fil-format li qed jingħata separatament?

07/01/2025

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 301
21/01/2025

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – KIRI TA' KAROZZI - NEFQA**

**24399. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu flus biex inkrew karozzi taħt id-dekasteru tiegħu, inkluż fid-dipartimenti u l-entitajiet li jaqgħu taħtu, minn Ġunju 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż informazzjoni dwar il-mudell tal-karozzi li nkrew, minn liema kumpanija nkrew, id-data tal-bidu u t-tmiem ta' kull kirja, jekk inkrewx b'direct order jew b'tender pubbliku, l-ammont li nkrew u jagħti l-pożizzjoni u l-grad tal-persuna għal min inkriet kull karozza? Jista' jagħti din l-informazzjoni fil-format li qed jingħata separatament?

07/01/2025

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellanta, li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta 301
21/01/2025

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – KIRI TA' KAROZZI - NEFQA**

**24400. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu flus biex inkrew karozzi taħt id-dekasteru tiegħu, inkluż fid-dipartimenti u l-entitajiet li jaqgħu taħtu, minn Ġunju 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż informazzjoni dwar il-mudell tal-karozzi li nkrew, minn liema kumpanija nkrew, id-data tal-bidu u t-tmiem ta' kull kirja, jekk inkrewx b'direct order jew b'tender pubbliku, l-ammont li nkrew u jagħti l-pożizzjoni u l-grad tal-persuna għal min inkriet kull karozza? Jista' jagħti din l-informazzjoni fil-format li qed jingħata separatament?

07/01/2025

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni qed tingabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 301
21/01/2025

**SOURCE MARKETS ATTWALI**

**24454. L-ONOR. EDWARD ZAMMIT LEWIS** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu jgħid liema huma s-source markets attwali li huma ta' prijorità turistika għal pajjiżna sabiex issir il-qabża ta' kwalità tant meħtieġa fis-settur u x-xogħol li qed isir f'dan ir-rigward?

08/01/2025

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-attrazzjoni ta' aktar turiżmu ta' kwalita' qiegħed isir abbażi ta' spettru wiesgħa ta' attivitajiet fi swieq ġeografiċi u motivazzjonali sabiex nattiraw ishma u numri akbar ta' turisti ta' impatt superjuri għad-destinazzjoni tagħna u għall-ekonomija Maltija. It-turiżmu ta' kwalita' m'huwiex definit biss mil-lat ta' nefqa iżda ukoll minn numru ta' fatturi oħrajn li jamalgamaw u jżewwġu dak li jkun qed ifittex it-turist ma dak li toffri id-destinazzjoni b'mod aktar sostenibbli. Dan ifisser li wara li ġew identifikati karatteristici, aspetti u esperjenzi li d-destinazzjoni teċċella fihom, dawn imbagħad qegħdin jiġu preżentati fis-swieq li jkollhom l-akbar potenzjal u propensita' li jżuru pajjiżna għalihom. Dawn l-offerti turistiċi li jiddistingwuna mill-kompetituri tagħna jeżistu f'bosta oqsma bħal ngħidu aħna l-istorja u l-kultura, l-arkitettura, il-festi u avvenimenti popolari mifruxa matul is-sena, l-esperjenzi varji tal-ibħra tagħna, il-gastronomija, il-kampanja u l-pajsaġġ rurali u urban, id-divertiment, turiżmu attiv, it-tagħlim tal-Ingliż specjalizzat u aspetti edukattivi oħra u is-suq tal-konferenzi u inċentivi fost ħafna oħrajn. B'dan il-mod inkunu qegħdin mhux biss nattiraw turisti li jiġu appożitament sabiex jesperjenzaw dak li jagħmilna Maltin iżda fl-istess waqt inkunu qegħdin nużaw lit-turiżmu sabiex jipproteġi, jaħji u jagħti sostenn lil dawn l-elementi tanġibbli u intanġibbli li huma tant importanti għas-soċjeta' Maltija. B'hekk tinħoloq relazzjoni pożittiva fejn il-karatteristiċi uniċi isostnu lit-turiżmu li fl-istess ħin isostni lilhom sabiex jinħoloq ċiklu pożittiv. Is-source markets huma varji. Infittxu dawn in-niċeċ demografiċi f'pajjiżi bħall-Ingilterra, il-Ġermanja, Franza, I-Italja, l-Isvizzera u l-Awstrija fl-Ewropa filwaqt li jeżistu aktar opportunitajiet fl-Amerika ta' Fuq, l-Amerika Latina, l-Asja u l-Awstralja. Infittxu l-profili turistiċi li jaqblu mal-offerti varji tagħna f'numru ta' pajjiżi. Iridu jkunu pajjiżi fejn hemm konnettivita' bl-ajru tajba għal Malta, kif ukoll li għandhom ekonomija b'saħħitha u popolazzjoni b'livell għoli ta' edukazzjoni u bi dħul li jippermetti s-safar matul is-sena kollha. Filwaqt li nkomplu nindirizzaw it-turisti li nixtiequ minn dawn is-swieq, inħarsu wkoll lejn swieq fejn bħalissa Malta hija inqas magħrufa u mhux konnessa b'titjiriet diretti sabiex nibdew inkabbru l-volumi minnhom fis-snin li ġejjin. Permezz ta' dawn l-istrateġiji qegħdin niżguraw li jkollna turiżmu matul is-sena kollha li jfittex esperjenzi minn firxa aktar titwessa tal-komunita'. Dan jirriżulta f'turisti aktar sodisfatti, popolazzjoni lokali li tgawdi b'mod aktar dirett u tapprezza l-importanza u l-impatti tat-turiżmu, u fl-aħħar mill-aħħar, turiżmu li abbażi ta' dak kollu li qed isir ikun lest iħalli kontribut ekonomiku akbar minħabba esperjenza sodisfaċenti fil-Gżejjer Maltin.

Seduta 301
21/01/2025

**TRANSPORT MALTA - QASMA FI TLIET ENTITAJIET SEPARATI**

**24455. L-ONOR. EDWARD ZAMMIT LEWIS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jikkonferma jekk hemmx pjanijiet li jkun hemm qasma ta' Transport Malta fi tliet entitajiet separati, waħda tirregola t-Trasport, l-oħra l-aspett Marittimu u l-oħra l-Avjazzjoni Ċivili u dan tenendo li l-esperjenza ta' pajjiżna dejjem kienet li qdejna l-investitur u lil min ġie f'pajjiżna aħjar meta tajna servizz iffokat u speċjalizzat?

08/01/2025

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'entità bħal Transport Malta, ir-ristrutturar huwa xi ħaġa kostanti. Is-servizz lejn l-investitur għadu wieħed mill-aqwa, u ser jibqa' jitjieb u jispeċjalizza ruħu, irrilevanti tkunx entita' waħda jew le.

Seduta 301
21/01/2025

**TRANSPORT MALTA - SETTUR MARITTIMU**

**24456. L-ONOR. EDWARD ZAMMIT LEWIS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid fejn jidħol is-settur marittimu u apparti l-aspett ta' reġistrazzjoni ta' bastimenti, x'inhuma l-oqsma ta' prijorità attwali ta' Transport Malta?

08/01/2025

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-prijorità ewlenija tad-Direttorat għall-Bastimenti Merkantili hija r-reġistrazzjoni ta' bastimenti Maltin. Madankollu, dan id-Direttorat għandu wkoll dawn il-prijoritajiet:
Taħriġ u ċertifikazzjoni ta' baħħara (inkluż l-akkreditazzjoni ta' fornituri tat-taħriġ, korsijiet, u l-organizzazzjoni ta' eżamijiet);
L-iżgurar tal-konformità abbord bastimenti Maltin (Flag State Control) u fuq il-bastimenti kollha fit-territorju Malti (Port State Control);
Servizzi oħra ta' sostenn relatati mar-reġistrazzjoni ta' bastimenti.
Il-prijoritajiet prinċipali tad-Direttorat għall-Portijiet u l-Yachting huma:
Tisħiħ tal-infrastruttura marittima;
Promozzjoni ta' bidla lejn it-trasport marittimu sabiex jitnaqqas it-traffiku fuq it-toroq permezz ta' diversi servizzi;
Konformità mar-regolamenti u d-direttivi relatati mal-emissjonijiet fl-arja, inkluż l-introduzzjoni ta' *alternativefuels*;
Promozzjoni tal-użu tal-Provvista ta' Enerġija mill-Art (Onshore Power Supply) biex titnaqqas it-tniġġis tal-arja fil-portijiet tagħna.

Seduta 301
21/01/2025

**TRANSPORT MALTA - SETTUR TAL-AVJAZZJONI ĊIVILI**

**24457. L-ONOR. EDWARD ZAMMIT LEWIS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid fejn jidħol is-settur tal-avjazzjoni ċivili u apparti l-aspett ta' reġistrazzjoni, x'inhuma l-oqsma ta' prijorità attwali ta' Transport Malta?

08/01/2025

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-missjoni tal-Awtorita' f'dan ir-rigward hija li nattiraw aktar kumpaniji sabiex jiksbu liċenzja ta' operat minn Malta, jistabbilixxu l-uffiċċji tagħhom f'pajjiżna, u joħolqu impjiegi ta' kwalità. Għandna wkoll interess speċjali fit-tisħiħ tar-reputazzjoni ta' Malta bħala ċentru ewlieni għall-kiri tal-ajruplani, b'enfasi fuq l-aspett regolatorju u l-*capacity building* tad-direttorat.

Seduta 301
21/01/2025

**DISTRETTI TAL-PULIZIJA - LOKALITAJIET**

**24501. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid liema lokalitajiet kienu jaqgħu taħt kull wieħed mit-12-il distrett tal-pulizija fis-sena 2024? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm tibdil f'dan ir-rigward mis-sena 2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jekk iva, x'tibdil kien hemm?

10/01/2025

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onov. Interpellant tirreferi għall-mistoqsija Parlamentari 24500 li hija identika għal din il-mistoqsija.

Seduta 301
21/01/2025

**SENA 2023 - GĦASES TAL-PULIZIJA - RAPPORTI**

**24502. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 23822 jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar rapporti li saru f'taqsimiet oħra tal-Korp tal-Pulizija matul is-sena 2023? Kemm-il rapport sar f'kull taqsima oħra li mhux imsemmija fit-tweġiba tal-istess mistoqsija parlamentari, liema mistoqsija kienet tirreferi għall-għases?

10/01/2025

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li n-numru ta’ rapporti li ġew irreġistrati fis-sistema elettronika tal-pulizija minn taqsimiet tal-Korp tal-Pulizija matul is-sena 2023, kien kif jidher fit-tabella t’hawn taħt, li ma tinkludix l-għases.

| Taqsimiet | Numru ta’ rapporti |
|---|---|
| Anti-Money Laundering | 95 |
| Major Crime | 16 |
| K9 | 64 |
| Economic Crime Unit | 78 |
| Cycber Crime Unit | 8 |
| Env. Protection Unit | 506 |
| GBDV | 3015 |
| Homicide Unit | 63 |
| Mouhted | 15 |
| MT | 3 |
| Staffing and Major Events | 2 |
| RIU | 33 |
| Traffic | 242 |
| Police Citations Office | 6 |
| Legal Office | 2 |
| Border Control Airport | 39 |
| Border Control Seaport | 6 |
| Immigration Field | 73 |
| Vice Sqaud | 86 |
| Drug Sqaud | 82 |
| Inter. Relations | 28 |
| Professional Sandard | 1 |
| Custody | 2 |
| | 4,465 |

Seduta 301
21/01/2025

**SENA 2023 - TAQSIMIET TAL-PULIZIJA - RAPPORTI**

**24503. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien it-total ta' rapporti li daħlu fit-taqsimiet kollha tal-pulizija (inkluż għases) matul is-sena 2023?

10/01/2025

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li matul is-sena 2023, fis-sistema elettronika tal-pulizija ġew irreġistrati tnejn u disgħin elf, seba' mija u tmienja u ħamsin (92,758) rapport fit-taqsimiet kollha tal-pulizija, inkluż fl-għases.

Seduta 301
21/01/2025

**SENA 2022 - GĦASES TAL-PULIZIJA - RAPPORTI**

**24504. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 23821, jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar rapporti li saru f'taqsimiet oħra tal-Korp tal-Pulizija matul is-sena 2022? Kemm-il rapport sar f'kull taqsima oħra li mhux imsemmija fit-tweġiba tal-istess mistoqsija parlamentari, liema mistoqsija kienet tirreferi għall-għases?

10/01/2025

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li n-numru ta' rapporti li ġew irreġistrati fis-sistema elettronika tal-pulizija minn taqsimiet tal-Korp tal-Pulizija matul is-sena 2022, kien kif jidher fit-tabella t'hawn taħt, li ma tinkludix l-għases.

| **Taqsimiet** | **Nru. ta' rapporti proċessati f'taqsimiet** |
|---|---|
| Anti-money laundering | 149 |
| Control Room | 3 |
| Major Crime | 47 |
| K9 | 379 |
| Econ Crime Unit | 98 |
| Cyber Crime Unit | 14 |
| Env. Crime Unit | 456 |
| GBDV | 2249 |
| Homicide Squad | 88 |
| Mounted | 127 |
| MT | 6 |
| RIU | 37 |
| Traffic | 282 |
| PCO | 3 |
| Border Control Airport | 43 |
| Border Control Seaport | 6 |
| Immigration Field | 42 |
| Vice Squad | 90 |
| Drug Squad | 124 |
| Int. Relations | 28 |
| Prof. Standards | 4 |
| | **4,275** |

Seduta 301
21/01/2025

**SENA 2022 - TAQSIMIET TAL-PULIZIJA - RAPPORTI**

**24505. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien it-total ta' rapporti li daħlu fit-taqsimiet kollha tal-pulizija (inkluż għases) matul is-sena 2022?

10/01/2025

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li matul is-sena 2022, fis-sistema elettronika tal-pulizija ġew irreġistrati sitta u tmenin elf, u tmienja u sebgħin (86,078) rapport fit-taqsimiet kollha tal-pulizija, inkluż fl-għases.

| Sena 2022 - Għases tal-Pulizija – Rapporti | Numru ta' Rapporti | | Taqsimiet | Nru. ta' rapporti proċessati f'taqsimiet |
|---|---|---|---|---|
| Distrett Nru 1 | 4337 | | Anti-money laundering | 149 |
| Distrett Nru 2 | 6406 | | Control Room | 3 |
| Distrett Nru 3 | 5844 | | Major Crime | 47 |
| Distrett Nru 4 | 6888 | | K9 | 379 |
| Distrett Nru 5 | 6943 | | Econ Crime Unit | 98 |
| Distrett Nru 6 | 7331 | | Cyber Crime Unit | 14 |
| Distrett Nru 7 | 7751 | | Env. Crime Unit | 456 |
| Distrett Nru 8 | 7365 | | GBDV | 2249 |
| Distrett Nru 9 | 8478 | | Homicide Squad | 88 |
| Distrett Nru 10 | 5451 | | Mounted | 127 |
| Distrett Nru 11 | 7503 | | MT | 6 |
| Distrett Nru 12 | 6104 | | RIU | 37 |
| Għassa Ajruport | 1402 | | Traffic | 282 |
| | | | PCO | 3 |
| | | | Border Control Airport | 43 |
| | | | Border Control Seaport | 6 |
| | | | Immigration Field | 42 |
| | | | Vice Squad | 90 |
| | | | Drug Squad | 124 |
| | | | Int. Relations | 28 |
| | | | Prof. Standards | 4 |

Seduta 301
21/01/2025

**SENA 2021 – GĦASES TAL-PULIZIJA - RAPPORTI**

**24506. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 23820, jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar rapporti li saru f'taqsimiet oħra tal-Korp tal-Pulizija matul is-sena 2021? Kemm-il rapport sar f'kull taqsima oħra li mhux imsemmija fit-tweġiba tal-istess mistoqsija parlamentari, liema mistoqsija kienet tirreferi għall-għases?

10/01/2025

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li n-numru ta' rapporti li ġew irreġistrati fis-sistema elettronika tal-pulizija minn taqsimiet tal-Korp tal-Pulizija matul is-sena 2021, kien kif jidher fit-tabella t'hawn taħt, li ma tinkludix l-għases.

| Taqsimiet | Nru. ta' rapporti proċessati f'taqsimiet |
|---|---|
| Anti-money Laundering | 197 |
| Control Room | 8 |
| Major Crimes | 158 |
| K9 | 734 |
| ECU | 94 |
| Cyber Crime Unit | 7 |
| Environment Prot Unit | 1058 |
| GBDV | 1760 |
| Homicide Unit | 81 |
| Mounted | 305 |
| MT | 4 |
| SME | 7 |
| RIU | 31 |
| Traffic | 353 |
| Poice Citations Office | 1 |
| Legal Office | 3 |
| Border Control Airport | 103 |
| Border Control Seaport | 31 |
| Immigration Police | 15 |
| Vice Sqaud | 113 |
| Drug Sqaud | 217 |
| Int. Relations | 33 |
| | **5,313** |

Seduta 301
21/01/2025

**KUMMISSARJU TAL PULIZIJA - CAR ALLOWANCE**

**24516. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Car Allowance li jingħata lill-Kummissarju tal-Pulizija huwiex marbut ma' xi użu speċifiku ta' xi vettura li hi proprjetà personali tal-Kummissarju tal-Pulizija?

13/01/2025

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għal mistoqsija parlamentari numru 22913. Differenti minn ta' qabilha din l-amministrazzjoni investiet fid-drittijiet u kundizzjonijiet tal-ħaddiema kollha tal-Korpi Dixxiplinati, b'kuntrast ma' amministrazzjoni li ħalliethom mhux biss mingħajr kundizzjonijiet bażiċi – li ma titħallasx għas-sigħat li taħdem - iżda mingħajr ftehim settorali adegwat.

Seduta 301
21/01/2025

**RABAT, MALTA - ĊENTRU TAS-SAĦĦA**

**24546. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid meta huwa ppjanat li ċ-Ċentru tas-Saħħa tar-Rabat, Malta jinfetaħ għall-pazjenti?

13/01/2025

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22127.

Seduta 301
21/01/2025

**IL-FURJANA - ĊENTRU TAS-SAĦĦA - XOGĦLIJIET**

**24547. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid liema parti taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana hi kkundannata u x'xogħlijiet saru s'issa biex din il-parti terġa' tinfetaħ lura, għal użu mill-professjonisti?

13/01/2025

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li qed isiru pjanijiet biex tinħareġ sejħa għall-kiri ta' propjetà fl-inħawi tal-Furjana sakemm eventwalment jsir ir-ristruturar taċ-ċentru kollhu. Is-servizzi li ġew trasferiti f'ċentri oħra fil-Kura Primarja huma dawk tal-fisjoloġija, podjatrija u oftalmija.

Seduta 301
21/01/2025

**SPTAR MATER DEI - KURA GĦAS-SAĦĦA MENTALI - WARD**

**24548. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jiftaħ il-ward imwiegħed ta' kura għas-saħħa mentali fl-Isptar Mater Dei?

13/01/2025

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant, li kif ġie mħabbar ix-xahar l-ieħor, ġie ppubblikat it-tender għall-espansjoni u żvilupp tal-Emerġenza fl-Isptar Mater Dei u l-bini ta' swali ġodda għall-kura tas-saħħa mentali.
Kif spjegajt kemm il-darba, dan l-iżvilupp estensiv għandu l-għan li jtejjeb il-kapaċità tal-isptar u jtejjeb is-servizzi, b'mod partikolari fil-kura tas-saħħa mentali.

Seduta 301
21/01/2025

**PA /07295/24 U PA 07490/24 - FTEHIM**

**24555. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Minsitru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 23326 u ċjoè: In vista tal-applikazzjonijiet ta' żvilupp, PA/07295/24 u PA/07490/24, ta' Istitut - f'Ta' Ġiorni, li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, jista' l-Ministru jipprovdi kopja tal-kuntratt ta' trasferiment mill-Gvern Malti lill-Gvern Libjan fl-1976 u kwalunkwe emenda li saret lill-istess kuntratt tul iż-żmien? Jista' wkoll jipprovdi kopja ta' kwalunkwe ftehim dwar is-sit, inklużi dawk tal-2013 fejn il-Gvern Libjan intrabat li jinvesti 22.4 miljun Ewro fi żvilupp tas-sit għal studenti internazzjonali?

13/01/2025

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratti tal-1976 u tal-1979. Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi lill-Ministeru kkonċernat għall-kumplament tal-mistoqsija.

Seduta 301
21/01/2025

**MICAS - MUŻEW TAL-ARTI KONTEMPORANJA - FTUĦ TA' ESEBIZZJONI**

**24556. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Minsitru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 22509, 23296 u 23870 u jgħid kemm ħallset il-Malta International Contemporary Arts Space (MICAS) lill-artist barrani għal ftuħ ta' esebizzjoni tal-Mużew tal-Arti Kontemporanja?

13/01/2025

**ONOR. OWEN BONNICI:** Qabel xejn irrid ngħid li l-eżebizzjoni ta' Joana Vasconcelos fil-MICAS, li ħabtet mal-ftuħ ta' dan l-ispazju tant sabiħ, attirat interess kbir kemm lokalment u kif ukoll internazzjonalment.

Vasconcelos hi artista ta' fama mondjali u l-preżenza artistika tagħha għamlet ħafna u ħafna ġid. Uħud mill-ogħla awtoritajiet Maltin u anke Ewropej żaru din il-wirja u kellhom kliem kbir ta' tifħir għall-isforzi li saru biex pajjiżna jitpoġġa fuq il-mappa tal-arti kontemporanja.

Persważ li ħadd mill-Oppożizzjoni ma qed jissuġġerixxi biex artisti tal-fama ta' Vasconcelos ma jkunux preżenti fit-tessut artistiku u kulturali Malti.

Intant, ninsab infurmat li l-ispejjeż in konnessjoni ma' dak li qed niġi mistoqsi dwaru kienu s-segwenti:

- Disinn, ippjanar u ġestjoni tal-proġett: €25,000.00
- Ħlas tal-artist, inklużi d-drittijiet tal-immaġni, il-preżenza tagħha u l-kontribut personali għall-inizjattivi kollha tal-midja, komunikazzjoni u promozzjonali: €100,000.00
- Produzzjoni tal-wirja: €186,545.00
- Installazzjoni ta’ xogħlijiet ta’ l-arti: €32,445.00
- Ftuħ tal-wirja: €22,235.00
- Żarmar ta’ xogħlijiet ta’ l-arti: €13,775.00

Seduta 301
21/01/2025

**SAN ĠWANN - PJAZZA AWRIKARJA - XOGĦLIJIET**

**24557. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 23288 fejn intqal li x-xogħlijiet fil-Pjazza Awrikarja ġewwa San Ġwann kienu sejrin jibdew fil-ġranet li ġejjin u din it-tweġiba kienet mogħtija fi 26 ta’ Novembru, 2024, jista’ l-Ministru jagħti update ta’ fejn waslu dawn ix-xogħlijiet?

13/01/2025

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kuntrattur jinsab fil-proċess li jibda l-mobilizzazzjoni u jottjenti l-approvazzjonijet neċessarji mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni.

Seduta 301
21/01/2025

**50 SENA MILL-INDIPENDENZA U 50 SENA MIR-REPUBBLIKA – ĊELEBRAZZJONIJIET - INFIQ**

**24558. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista’ l-Ministru jgħid kemm kienet in-nefqa tal-Gvern fl-2014 meta Malta ċċelebrat il-50 sena mill-Indipendenza u kemm nefaq il-Gvern fl-2024 biex jiġi ċċelebrat il-50 sena mir-Repubblika tagħna?

13/01/2025

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 301
21/01/2025

**50 SENA MILL-KISBA TAR-REPUBBLIKA - ĊELEBRAZZJONIJIET - NEFQA**

**24559. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista’ l-Ministru jagħti break down, item item, tan-nefqa kollha biex kien iċċelebrat il-50 sena mill-kisba tar-Repubblika? Jista’ jgħid ukoll jekk inħarġux tenders għal dawn l-attivitajiet u jekk iva, meta u min kienu?

13/01/2025

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 301
21/01/2025

**PA 07545/23 - IMWEJJED U SIĠĠIJIET**

**24560. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: B'referenza għall-applikazzjoni PA 07545/23 biex ikun hemm imwejjed u siġġijiet fuq ix-xatt tas-sajjieda ġewwa San Ġiljan, fejn din l-applikazzjoni ġiet aċċettata u b'referenza għal Bylaw K.L>B.L 52/2/2008 li tgħid li din iż-żona hija riservata għas-sajjieda u l-inġenji tagħhom, jista' l-Ministru jgħid kif din l-applikazzjoni ġiet approvata?

13/01/2025

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-deċiżjoni tal-Bord tinsab disponibbli għall-pubbliku fuq il-website tal-Awtorità tal-Ippjanar https://www.pa.org.mt, qed inpoġġi kopja tagħha fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 301
21/01/2025

**ENEMALTA - STREET HAWKERS**

**24577. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 24202 u ċjoè: Fid-dawl li l-Artiklu 29, (2)(g) tal-Liġi Sussidjarja 441.07 jgħid "huwa projbit l-użu u l-provvediment ta' utilitajiet pubbliċi lil bejjiegħa fit-triq li jbiegħu minn imkien fiss (street-hawkers)", tista' l-Ministru tgħid għaliex l-Enemalta ppermettiet u installat għexieren ta' metres temporanji madwar Malta u Għawdex, kollha lil diversi bejjiegħa ta' dan it-tip?

14/01/2025

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-prassi tal-Enemalta, tal-inqas sa mill-1990, kienet li tippermetti installazzjonijiet temporanji għall-provvista tal-elettriku għall-kiosks. Il-liġi li fil-preżent tirregola l-installazzjonijiet temporanji, jiġifieri r-Regolamenti dwar il-Konnessjoni u l-Provvista tal-Elettriku (L.S. 545.41) tippermetti installazzjonijiet temporanji għal "unitajiet mobbli fuq barra" u d-drittijiet li jitħallsu għal installazzjonijiet temporanji huma maqsumin fi tliet kategoriji: boathouses, siti ta' kostruzzjoni u oħrajn. Il-ħsieb tal-Enemalta wara l-provvista tal-elettriku b'installazzjoni temporanja hu li jitnaqqas l-inkonvenjent lir-residenti li jgħixu fil-viċinanzi.

Seduta 301
21/01/2025

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – DIKJARAZZJONI TAL-ASSI GĦAS-SENA 2023**

**24597. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dikjarazzjoni tal-assi tiegħu għas-sena 2023?

14/01/2025

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nirreferi l-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 24591.

Seduta 301
21/01/2025

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – DIKJARAZZJONI TAL-ASSI GĦAS-SENA 2023**

**24598. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dikjarazzjoni tal-assi tagħha għas-sena 2023?

14/01/2025

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 24591.

Seduta 301
21/01/2025

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR – DIKJARAZZJONI TAL-ASSI GĦAS-SENA 2023**

**24599. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dikjarazzjoni tal-assi tiegħu għas-sena 2023?

14/01/2025

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel referenza għall-informazzjoni li ngħatat fil-mistoqsija parlamentari 24591.

Seduta 301
21/01/2025

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL – DIKJARAZZJONI TAL-ASSI GĦAS-SENA 2023**

**24600. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dikjarazzjoni tal-assi tiegħu għas-sena 2023?

14/01/2025

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 24591.

Seduta 301
21/01/2025

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INDAFA PUBBLIKA - DIKJARAZZJONI TAL-ASSI GĦAS-SENA 2023**

**24601. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dikjarazzjoni tal-assi tagħha għas-sena 2023?

14/01/2025

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 24591.

Seduta 301
21/01/2025

**MINISTERU GĦALL-FINANZI – DIKJARAZZJONI TAL-ASSI GĦAS-SENA 2023**

**24602. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dikjarazzjoni tal-assi tiegħu għas-sena 2023?

14/01/2025

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 24591.

Seduta 301
21/01/2025

**L-IMĠARR – TRIQ SAN PIETRU – CULVERTS**

**24608. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 24417 u ċjoè: Fid-dawl li fi Triq San Pietru fl-Imġarr u fil-viċinanzi, sar bosta żvilupp ta' bini ġdid waqt li hemm maħsub aktar żvilupp, jista' l-Ministru jikkunsidra li jsiru l-Culverts għax-xita f'din it-triq peress li meta tagħmel ix-xita, bosta basements qegħdin jispiċċaw megħrqa?

14/01/2025

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi minn assessjar li sar fit-triq imsemmija, irriżulta illi l-qlib tal-ilmahu sodisfaċenti sabiex it-triq pubblika ma tegħriqx bl-ilma, filwaqt li ninnota li l-iżvilupp ta' bini minn terzi fi triq pubblika għandu jiżgura li tali sitwazzjonijiet ma jiġux esperjenzati mir-residenti.

Seduta 301
21/01/2025

**SKEJJEL INDIPENDENTI U TAL-KNISJA - ASSISTENZA TA' UFFIĊJALI TAL-PULIZIJA JEW TAL-LESA – DĦUL U ĦRUĠ TA' STUDENTI**

**24609. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 24421 u jgħid jekk hemmx il-ħsieb li jipprovdi u jiffinanzja servizz ta' assistenza ta' uffiċjali tal-Pulizija jew tal-LESA waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal mill-iskejjel li mhumiex tal-Istat, imma skejjel Indipendenti jew tal-Knisja?

14/01/2025

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru ma jsib l-ebda oġġezzjoni sabiex l-iskejjel Indipendenti u tal-Knisja jgħamlu l-arranġamenti neċessarji sabiex jingħata dan it-tip ta' servizz.

Seduta 301
21/01/2025

**SISTEMA TA' METRO**

**24661. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 24057 u jgħid jekk hux se jinbeda x-xogħol fuq is-sistema ta' metro li d-dettalji dwarha kienu ngħataw mill-Gvern ftit tas-snin ilu?

16/01/2025

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi qed jevalwa diversi metodi ta' trasport tal-massa, kif ġie spjegat waqt it-tħabbira ta' għadd ta' miżuri mmirati sabiex itaffu l-problema tat-traffiku. Sadanittant, il-proċess ta' konsultazzjoni pubblika jinsab fil-fażi finali, u fil-ġimgħat li ġejjin, se jibdew jitwettqu l-ewwel miżuri li tħabbru ftit ġimgħat ilu.

Seduta 301
21/01/2025

**LPTS (Y-PLATES) - PUBLIC SERVICE GARAGE - APPLIKAZZJONIJIET**

**24665. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 24488 u ċjoè: Peress li l-Avviż Legali 269 tal-2024, Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi, jgħid li operaturi ta' LPTS (Y-plates) li għandhom minn 5 vetturi 'l fuq, kellhom sat-18 ta' Diċembru tal-2024 sabiex jippreżentaw applikazzjoni għal Public Service Garage, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tal-operaturi kollha li ma kinux konformi ma' dan ir-rekwiżit, inkluż kemm għandu karozzi l-operatur, u meta ġiet sospiża jew revokata l-liċenzja tal-operatur?

16/01/2025

**ONOR. CHRIS BONETT:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 301
21/01/2025

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - ENFORCEMENT UNIT - ILMENTI**

**24666. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 24429 u jipprovdi lista' ta' lmenti li saru mal-Enforcement Unit tal-Awtorità tal-Ippjanar u li għadhom mhux solvuti, maqsuma lokalità b'lokalità u ilhom miftuħin:
i. aktar minn ħames snin;
ii. bejn sentejn u ħames snin; u
iii. inqas minn sentejn?

16/01/2025

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar u tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 301
21/01/2025

**50 SENA INDIPENDENZA - ĊELEBRAZZJONIJIET**

**24667. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 24256 u jgħid kemm intefqu flus mill-Ministeri kollha għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-50 sena tal-Indipendenza, inkluż fir-reklamar?

16/01/2025

**ONOR. ROBERT ABELA:** It-tagħrif għadu qed jinġabar.
Seduta 301
21/01/2025

**POLITIKA NAZZJONALI GĦALL-AVJAZZJONI ĊIVILI - PJAN TA' AZZJONI**

**24668. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Minisru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 23779, 23975, 24172 u 24236 ċjoè: Peress li l-Politika Nazzjonali għall-Avjazzjoni Ċivili, ippubblikata f'Jannar 2023, tgħid fir-raba' parti li l-Ministeru ma' entitajiet oħra se jistabbilixxi set ta' miżuri li se jiġu formulati fi Pjan ta' Azzjoni li kellu jkun pubblikat sal-aħħar ta' Diċembru 2023, jista' l-Ministru jgħid jekk ġiex pubblikat dan il-Pjan ta' Azzjoni u fejn wieħed jista' jsibu, u jekk ma ġiex pubblikat jgħid x'wassal għal dan in-nuqqas u meta jaħseb li dan se jiġri?

16/01/2025

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor.. Interpellant li dalwaqt jiġi ppubblikat.
Seduta 301
21/01/2025

**LIGHT PASSENGER TRANSPORT SERVICES - TAGS MAĦRUĠA**

**24669. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 24489 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi kemm ħarġu tags għal xufiera tal-Light Passenger Transport Services, matul l-2023 u l-2024, maqsuma xahar b'xahar? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom kienu ta' nazzjonalità Maltija, u kemm minnhom kienu barranin?

16/01/2025

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista li tinkludi kemm ħarġu permessi ta' xufier, tags, għal xufiera ta' ġarr ta' passiġġieri b'vetturi żgħar matul l-2024, minn meta ġie mwaqqaf dan il-Ministeru, maqsuma xahar b'xahar, u kemm minnhom għandhom karta tal-identità Maltija (li tispiċċa bl-ittra M, L, G u H), u kemm minnhom għandhom dokumenti ta' residenza (li tispiċċa bl-ittra A u F).

Seduta 301
21/01/2025

**IL-KALKARA - CHARING POINTS TAD-DGĦAJJES**

**24671. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 24126, jista' l-Ministru jgħid meta se jkunu lesti x-xogħlijiet imsemmija?

16/01/2025

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lil Onor. Interpellant li ġejt infurmat li hu previst li x-xogħlijiet imsemmija jitlestew sa Marzu 2025.

Seduta 301
21/01/2025

**BORMLA - BINJIET TA' AKKOMODAZZJONI SOĊJALI**

**24674. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 24120 u ċjoè: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 20335 u 23027, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet fl-intier tagħhom u jgħid meta se jkunu lesti kompletament il-binjiet ta' akkomodazzjoni soċjali li hemm f'Bormla?

16/01/2025

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li peress li l-kuntrattur responsabbli mix-xogħlijiet f'dan il-proġett ma żammx l-iskadenzi maqbula meta ngħata l-kuntratt, ittieħdet id-deċiżjoni li l-imsemmi kuntratt jitwaqqaf u sussegwentement jingħata lil ħaddieħor. Dan wassal għal dewmien mhux mistenni. Huwa ppjanat li l-proġett jitlesta sal-aħħar ta' din is-sena.

Seduta 301
21/01/2025

**RAĦAL ĠDID - ĠNIEN IL-MEDITERRAN**

**24676. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 24070, jista' l-Ministru jgħid meta ġie mgħoddi Ġnien il-Mediterran lill-Ministeru tiegħu? Jista' jgħid x'sar minn kemm ilu f'idejn il-Ministeru?

16/01/2025

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li f'April tal-2024 il-Ministeru issottometta l-applikazzjoni lill-LANDS.

Seduta 301
21/01/2025

**ANZJANI – SERVIZZ TA' INKONTINENZA**

**24679. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 24422, jista' l-Ministru jgħid xi trid tagħmel persuna biex titlob li jkollha żieda fin-numru ta' nappies/pull-ups/pads minħabba żieda fil-bżonn tagħhom?

16/01/2025

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li persuna tista' titlob li jsirilha assessjar mill-professjonisti fi ħdan l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità jekk tħoss li l-bżonnijiet tagħha nbidlu. Il-prodotti u l-kwantità li tingħata jinbidlu biss wara li jsir assessjar professjonali.

Seduta 301
21/01/2025

**ARMS – DĦUL MILL-KIRJIET TA' METERS TAD-DAWL F'BINJIET RESIDENZJALI**

**24680. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien id-dħul tal-ARMS mill-kirja tal-meters tad-dawl li huma f'binjiet residenzjali matul is-sena 2024?

16/01/2025

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex tinġabar l-informazzjoni.

Seduta 301
21/01/2025

**ARMS – DĦUL MILL-KIRJIET TA' METERS TAD-DAWL F'BINJIET MHUX RESIDENZJALI**

**24681. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien id-dħul tal-ARMS mill-kirja tal-meters tad-dawl li huma f'binjiet mhux residenzjali matul is-sena 2024?

16/01/2025

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex tinġabar l-informazzjoni.

Seduta 301
21/01/2025

**ARMS – DĦUL MILL-INSTALLAZZJONI TA' METERS TAD-DAWL F'BINJIET RESIDENZJALI**

**24682. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien id-dħul tal-ARMS mill-installazzjoni ta' meters tad-dawl li huma f'binjiet residenzjali matul is-sena 2024? Tista' tgħid ukoll kemm ġew installati meters f'dan l-istess perjodu?

16/01/2025

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex tinġabar l-informazzjoni.

Seduta 301
21/01/2025

**ARMS – DĦUL MILL-INSTALLAZZJONI TA' METERS TAD-DAWL F'BINJIET MHUX RESIDENZJALI**

**24683. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien id-dħul tal-ARMS mill-installazzjoni ta' meters tad-dawl li m'humiex f'binjiet residenzjali matul is-sena 2024? Tista' tgħid ukoll kemm ġew installati meters f'dan l-istess perjodu?

16/01/2025

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex tinġabar l-informazzjoni.

Seduta 301
21/01/2025

**ARMS – DĦUL MILL-KIRJIET TA' ARLOĠĠI TAL-ILMA F'BINJIET RESIDENZJALI**

**24684. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien id-dħul tal-ARMS mill-kirja tal-arloġġi tal-ilma li huma f'binjiet residenzjali matul is-sena 2024?

16/01/2025

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex tinġabar l-informazzjoni.

Seduta 301
21/01/2025

**TRASPORT PUBBLIKU UŻAT MINN TFAL**

**24698. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm tfal li użaw it-trasport pubbliku fis-snin 2020, 2021, 2022, 2023 u 2024 maqsuma sena b'sena?

16/01/2025

**ONOR. CHRIS BONETT:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 301
21/01/2025

**TRASPORT PUBBLIKU UŻAT MINN STUDENTI**

**24699. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti li użaw it-trasport pubbliku fis-snin 2020, 2021, 2022, 2023 u 2024 maqsuma sena b'sena?

16/01/2025

**ONOR. CHRIS BONETT:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.
Seduta 301
21/01/2025

**TRASPORT PUBBLIKU UŻAT MINN ADULTI**

**24700. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm adulti li użaw it-trasport pubbliku fis-snin 2020, 2021, 2022, 2023 u 2024 maqsuma sena b'sena?

16/01/2025

**ONOR. CHRIS BONETT:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 301
21/01/2025

**TRASPORT PUBBLIKU UŻAT MINN GĦAWDXIN**

**24701. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm Għawdxin li użaw it-trasport pubbliku fis-snin 2020, 2021, 2022, 2023 u 2024 maqsuma sena b'sena?

16/01/2025

**ONOR. CHRIS BONETT:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 301
21/01/2025

**INKJESTI MAĠISTERJALI**

**24703. L-ONOR. AMANDA SPITERI GRECH** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il inkjesta maġisterjali nfetħet abbażi tal-artikolu 546(1) tal-Kodiċi Kriminali fl-aħħar 20 sena?

17/01/2025

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-ammont ta' inkjesti maġisterjali miftuħa abbażi tal-artikolu 546(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta fl-aħħar 20 sena huwa kif indikat fit-tabella annessa.

Seduta 301
21/01/2025

**INKJESTI MAĠISTERJALI**

**24704. L-ONOR. AMANDA SPITERI GRECH** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il inkjesta maġisterjali nfetħet abbażi tal-artikolu 546(4A) tal-Kodiċi Kriminali fl-aħħar 20 sena?

17/01/2025

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-istatistika fir-rigward tal-inkjesti maġisterjali taħt artikolu 546 (4A) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta ilha tinżamm biss mill-2017. L-ammont ta' dawn l-inkjesti huwa kif indikat fit-tabella t'hawn taħt:-

| **Sena** | **Qrati ta' Malta** | **Qrati t'Għawdex** |
|---|---|---|
| 2017 | 3 | - |
| 2018 | 3 | - |
| 2019 | 3 | - |
| 2020 | - | - |
| 2021 | 7 | - |
| 2022 | - | - |
| 2023 | 1 | - |
| 2024 | 8 | - |
| **Total** | 25 | 0 |

Seduta 301
21/01/2025

**IL-ĦAMRUN – GĦASSA TAL-PULIZIJA**

**24705. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid meta (sena u xahar) ser ikunu lesti x-xogħlijiet fuq l-għassa tal-Ħamrun u meta l-Pulizija ser ikunu jistgħu joperaw mill-ġdid minn din il-binja?

17/01/2025

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi għar-risposta ta' mistoqsija parlamentari numru 23824.

Seduta 301
21/01/2025

**ĦAL TARXIEN - TRIQ SAN ANARD – XOGĦLIJIET**

**24710. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22872, jista’ l-Ministru jgħid għaliex qed ikun hemm dewmien fl-eżekuzzjoni tax-xogħol indikat fi Triq San Anard, Ħal Tarxien?

17/01/2025

**ONOR. CHRIS BONETT:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22872, ninfurmah lix-xogħlijiet fit-triq imsemmija għaddejjin. Kien hemm biss waqfa żgħir fi żmien il-Milied.

Seduta 301
21/01/2025

**KULTIVAZZJONI TAL-KANNABIS – PERMESSI**

**24736. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm diġà ħarġu permessi, lokalità lokalità, għal faċilitajiet għal kultivazzjoni tal-kannabis għad-distribuzzjoni mill-assoċjazzjonijiet relatati?

17/01/2025

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 301
21/01/2025

**KULTIVAZZJONI TAL-KANNABIS – APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI**

**24737. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm applikazzjonijiet pendenti għal permessi, lokalità lokalità, għal faċilitajiet għal kultivazzjoni tal-kannabis għad-distribuzzjoni mill-assoċjazzjonijiet relatati?

17/01/2025

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 301
21/01/2025

**IŻ-ŻURRIEQ – TRIQ IL-BRONJA – ZEBRA CROSSING**

**24738. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid meta ser tinxtegħel iż-zebra crossing fi Triq il-Bronja, iż-Żurrieq, viċin il-Bronja Pharmacy?

17/01/2025

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 24739.

Seduta 301
21/01/2025

**IŻ-ŻURRIEQ – TRIQ IL-BRONJA – ZEBRA CROSSING**

**24739. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta ser tinxtegħel iż-zebra crossing fi Triq il-Bronja, iż-Żurrieq, viċin il-Bronja Pharmacy?

17/01/2025

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li filwaqt li tlestiet l-infrastruttura neċessarja, bħalissa għaddejjin l-aħħar teknikalitajiet sabiex ikun jista' jitqabbad id-dawl.

Seduta 301
21/01/2025

**OHSA – SPEZZJONIJIET**

**24740. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jelenka lista ta' kemm saru spezzjonijiet mill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA) fi stabbilimenti kummerċjali, xahar b'xahar u lokalità lokalità, skont it-tip tal-istabbilimenti matul l-2024?

17/01/2025

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninsab infurmat li l-informazzjoni ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 301
21/01/2025

**OHSA – MULTI**

**24741. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jelenka lista ta' kemm inħarġu multi mill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA) fi stabbilimenti kummerċjali, xahar b'xahar u lokalità lokalità, skont it-tip tal-istabbilimenti matul l-2024?

17/01/2025

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninsab infurmat li l-informazzjoni ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 301
21/01/2025